MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tas-17 ta' Awwissu, 2014

Numru. 765/2014

**Il-Pulizija**

**[Spettur Jonathan Ransley]**

**vs**

**Ugo Scicluna**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Ugo Scicluna detentur tal-karta tal-identita` numru 378841(M).

Akkuzat talli:

1. Nhar is-16 ta' Awwissu 2014, ghall-habta ta' 07:00 ta' filghaxija gewwa Triq Gafar, Sliema, waqt li kien qed jaghmel reat kontra l-persuna kellu fil-pussess tieghu arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oggetti;
2. U aktar talli fl-istess data u cirkostanzi bhala detentur ta' licenzja naqas milli jhares il-pattijiet ta' dik il-licenzja; u
3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hedded u/jew ingurja lil Stephen Galea.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tipprovdi ghas-sigurta` ta' Stephen Galea u l-familja tieghu billi jigu applikati l-provvedimenti tal-Artikolu 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat it-talba wkoll sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-arma tan-nar Rohm numru ta' serje 57519, bhala arma li ngarret bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Att dwar l-Armi u dan kif mahsub fl-Artikolu 56 tal-Att dwar l-Armi, Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti pprezentati; u

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 5, 56 u 51 tal-Kap. 480.

Stante ammissjoni u l-konferma ta' tali ammissjoni mill-imputat ghall-akkuzi kif dedotti kontrih wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, qed issib lill-imputat Ugo Scicluna hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 qeghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena (1) mil-lum, kif ukoll tordna l-konfiska tal-arma u munizzjoni esebiti fl-atti (Dok JR4).

Finalment qeghda timponi wkoll digriet taht l-Artikolu 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta li ghandu jifforma parti minn din is-sentenza.

Finalment spjegat fi kliem semplici lill-imputat ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------